**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 11 ta' Mejju, 2017

Rikors Guramentat numru : 182/15 AL

**A B C**

**vs**

**Avukat Dr Simon Micallef Stafrace u l-PL Nicolette Aquilina b'digriet tas-7 ta' Awissu 2015 gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti D C**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi l-kontendenti zzewgu fit-23 ta' Awissu 1991 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg li qed jigi esebit bhala Dok A;
2. Illi l-hajja konjugali giet resa impossibbli minhabab sevizzi, ingurji gravi, theddid, vjolenza morali u abbandun kommessi da parti tal-konvenut u kif ukoll minhabba inkompatibilita ta' karattru;

3. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal u cioe' P u O ta' 22 sena u 19-il sena rispettivament, kif jirrizulta mic-certifikati tat-twelid (Dok B u C);
4. Illi l-kontendenti gew awtorizzati jipprocedu ghas-separazzjoni personali permezz ta' digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), kopja ta' liema qed jigi anness u mmarkat Dok D;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1) Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut kif hawn fuq premess;
2) Tapplika kontra l-konvenuta s-sanzjonijiet kontemplati fil-Kodici Civili fosthom dawk kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kodici Civili;
3) Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijet u tillikwida u taqsam l-istess f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-partijiet, bl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet mensjonati fit-tielet talba, okkorrendo billi tinnomina periti nominandi;
4) Tinnomina nutar biex jippubblika l-att relattiv ta' qasma u kuraturi deputati biex jirrapprezentaw l-eventwali kontumacja tal-konvenut;
5) Tikkundanna lill-konvenuta tirrestitwixxi lill-attur il-proprjeta kollha tieghu parafernali jew il-valur taghha;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr Simon Micallef Stafrace u il-PL Nicolette Aquilina, li permezz taghha eccepew (fol. 22):

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw d-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti;

Salv risposta ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati Dr Simon Micallef Stafrace u il-PL Nicolette Aquilina;

Rat l-affidavit u d-dokumenti kollha prodotti u l-atti kollha tal-proċediment.

Rat Illi l-kawza tħalliet għas-sentenza għallum;

Ikkunsidrat:

## KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-Qorti għandha quddiemha kawża ta' separazzjoni personali, b'dana illi l-konvenut D C jinsab nieqes minn Malta u għalhekk l-attriċi debitament ipproċediet bil-ħatra tal-kuraturi sabiex jirrapreżentawh f'l l-atti.

Issir referenza għar-rikors promotur minn fejn jirriżulta illi r-rikorrenti talbet *inter alia*, il-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għal raġunijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenut assenti.

L-attriċi xehdet bil-prċedura tal-affidavit[1] fejn hija spjegat is-segwenti:

(a) Hija żżewġet lil D C fit-23 t' Awwissu 1991, f'Ontario, il-Kanada, kif jirriżulta wkoll miċ-ċertifikat taż-żwieġ innumerat 1991 041882[2];

(b) Miż-żwieġ, twieldu żewġ ulied: P I[3], imwielda fid-29 ta' Marzu 1993, li llum għandha erbgħa u għoxrin (24) sena u O G[4] imwieled fit-30 ta' Mejju 1996, li għalhekk illum għandu kważi wieħed u għoxrin (21) sena;

---

[1] Fol. 32 tal-proċess
[2] Fol. 6 tal-proċess
[3] Ċertifikat tat-twelid relattiv jinsab esebit fol. 4 tal-proċess
[4] Ċertifikat tat-twelid relattiv jinsab esebit fol. 5 tal-proċess

(c) Il-partijiet għexu għal seba' snin ġewwa l-Kanada u f'Lulju 1998 ġew hawn Malta, fuq idea tal-konvenut assenti, liema idea l-attriċi m'opponietx peress li kellha l-familja hawnhekk;

(d) Id-dar tal-Kanada biegħuha u f'Malta dejjem għexu fil-kera;

(e) Il-konvenut assenti ma setax jidra hawn Malta, għaliex ix-xogħol tiegħu bħala *airconditioner technician* mhuwiex imħallas tajjeb u mhuwiex meqjus bħala xogħol prestiġġuż;

(f) Wara xi sena, sab jaħdem ma' kumpanija offshore u beda jsiefer ta' sikwit u fit-tul; Għall-bidu beda jsiefer għal ġimgħatejn u jkun ġimgħatejn hawn. Wara ftit, beda jieħu xi promotions u jqatta' dejjem iktar żmien imsiefer, saħansitra numru ta' xhur. Kien jiġi Malta qisu kull sitt ġimgħat u jqatta' ċirka ġimgħa waħda hawn. F'okkażjoni minnhom, huwa għex fl-Eġittu għal sentejn;

(g) Peress li ħajjiethom spiċċat daqstant distakkata minn xulxin, ir-relazzjoni tagħhom bdiet tbati. Kienu saru iktar bħal aħwa milli miżżewġin u għalhekk f'Ġunju 2012 iddeċidew li jisseparaw;

Dwar ir-Responsabilita` għat-Tkissir taż-Żwieġ

Illi l-attriċi, fir-rikors ġuramentat, tatribwixxi lil żewġha diversi kawżali għall-azzjoni tas-separazzjoni fosthom sevizzi, inġurji gravi, theddid, vjolenza morali u abbandun. Illi minn l il-kawżali kollha lilu attribwiti, *prima facie* jirriżulta li l-konvenut assenti jista' jkun ħati t'abbandun fil-konfront ta' martu l-attriċi. L-

abbandun huwa motiv għas-separazzjoni fil-Liġi Maltija u fil-fatt, il-Kodiċi Ċivili jistipula:

***41. Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba.***

Kemm mid-diċitura tal-artikolu u wkoll minn ġurisprudenza kostanti tagħna jirriżulta illi l-kriterji sabiex din il-kawżali tirnexxi huma tnejn: l-ewwel, illi l-abbandun idum għal sentejn jew iżjed, it-tieni, li l-abbandun iseħħ mingħajr raġuni tajba.

Fil-kawża Andrea Avellino vs. Regina Avellino,[5] insibu tifsira ċara ta' l il-kriterji, fejn intqal: *"Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se maj jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun mid-dar ikun sar volontarjament (ċjoe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall-ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat deċidenti; kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva, ta' min jabbanduna, li ma jerġax imur jgħammar mal-parti l-oħra. U biex ikun kundannabbli, l-abbandun irid ikun kapriċċuż, u mhux ġustifikat minn xi motiv raġjonevoli."*

Illi hawn issir referenza għall-kawża fl-ismijiet Josephine Anne Edwards vs. Avukat Dr. Joseph Xuereb noe.[6] fejn il-Qorti sostniet illi:- "*Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun inġust fiż-żmien tiegħu kollu ta' sentejn..."*

Il-firda personali mmotivata mill-abbandun ġġib magħha, skond il-liġi, konsegwenzi ibsin, liema konsegwenzi f'każ ta' abbandun (kif ukoll f'każ ta' adulterju) huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront tal-konvenut/a ai termini tal-Artikolu 48 tal-

---

[5] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Diċembru 1949.
[6] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Frar 1961.

Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi jekk tapplikax jew le l id-dekadenzi. L-Artikolu 48 jistipula:

***48. (1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -***
***(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827[7];***
***(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;***
***(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;***
***(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.***

M'hemm l-ebda dubju li ż-żwieġ bejn il-partijiet sfaxxa minħabba l-abbandun tal-konvenut assenti sija mid-dar konjugali u wkoll mir-rikorrenti. L-abbandun tiegħu huwa wieħed li jinkwadra sewwa fil-kriterji li ġew elaborati iktar 'il fuq u cioe:

1. L-abbandun ilu iktar minn sentejn. Jirriżulta illi l-konvenut assenti telaq mid-dar matrimonjali f'Ġunju 2012 u baqa' sal-lum qatt ma rritorna. Qabel din id-data, huwa kien regolarment assenti minn Malta fuq xogħol.

2. L-abbandun ma kienx ġustifikat. F'Ġunju 2012, il-partijiet iddeċidew illi jaqsmu xi assi li kellhom bejniethom u

[7] L-artikolu 631 u 633 jirrigwardaw id-drittijiet ta' suċċessjoni bejn il-konjuġi filwaqt illi l-artikoli 825, 826 u 827 ġew imħassra bl-Att XVIII tal-2004.

jgħixu separatament. Sa dik il-ġurnata, minkejja li kif diġa ntqal, l-attur iktar kien ikun sikwit barra mid-dar matrimonjali u barra minn Malta, dan kien dovut għal raġunijiet ta' impjieg u għalhekk il-Qorti ma tistax tikkunsidra l-aġir tal-konvenut assenti f'dan il-perjodu bħala abbandun "mhux ġustifikat". Iżda fl-2012, il-partijiet qabdu u telqu lil xulxin mingħajr ma fittxew dikjarazzjoni ġudizzjarja li tħollhom mill-obbligi tal-konvivenza u tal-assistenza reċiproka. Illi għalhekk f'għajnejn il-liġi huma għadhom sal-lum miżżewġin, u b'komunjoni tal-akkwisti viġenti bejniethom, anke jekk de facto separati. Illi l-aġir tal-partijiet illi telqu lil xulxin mingħajr dikjarazzjoni ġudizzjarja jew ftehim ta' separazzjoni huwa tali li jirrendi lill-partijiet ħatja tal-abbandun fil-konfront ta' xulxin u peress illi l-istess abbandun issa ilu jiddekorri għal kważi ħames snin, sar tali li jinkwadra ruħu bħala abbandun ai termini tal-Artikolu 41 tal-Kodiċi Ċivili u għaldaqstant motiv għas-separazzjoni bejn il-partijiet.

Adoperat dan ir-raġjunament għall-każ partikolari hawn eżaminat jibbasta biex jikkonvinċi illi l-azzjoni attriċi hija ġustifikata u għalhekk l-ewwel talba attriċi qed tiġi akkolta billi l-Qorti qed issib lill-konvenut assenti ħati t'abbandun fil-konfront ta' martu. Il-kawżali l-oħra allegati ma ġewx minimament ippruvati;

Bħala konsegwenza tas-sejba tal-ħtija tal-abbandun da parti tal-konvenut assenti, din il-Qorti qegħda tapplika fil-konfront tal-intimat l-effetti in toto tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili, fosthom illi tiddikjara, illi bl-imġieba tiegħu l-intimat iddekada mid-dritt tiegħu li jirċievi manteniment mingħand l-attriċi u wkoll li huwa tilef kull dritt ta' suċċessjoni li kien talvolta spettanti lilu wara l-mewt tal-attriċi.

Illi kif intqal, l-attriċi hija daqstant ieħor ħatja tal-abbandun ta' żewġha, u għalhekk il-Qorti bl-applikazzjoni tal-Artikolu 52 tal-Kodiċi Ċivili qegħda tapplika fil-konfront ukoll tal-attriċi l-effetti in

toto tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili, fosthom illi tiddikjara, illi bl-imġieba tagħha l-attriċi ddekadiet mid-dritt tagħha li tirċievi manteniment żewġha u wkoll li hija tilfet kull dritt ta' suċċessjoni li kien talvolta spettanti lilha wara l-mewt tal-konvenut assenti.

<u>Dwar il-komunjoni tal-akkwisti</u>

Fl-ewwel lok, bis-saħħa tal-preżenti sentenza, il-Qorti qiegħda tittermina l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet.

L-istess komunjoni tal-akkwisti tikkonsisti fis-segwenti:

1. Il-kirja tad-dar matrimonjali konsistenti fil-fond "Prinjola", Triq ta' Marmora, Mensija, San Ġwann. Il-fond inkera meta l-partijiet kienu għadhom jgħixu flimkien. L-attriċi titlob li d-drittijiet ta' lokazzjoni fuq l-imsemmija dar ikunu assenjati lilha;

2. L-għamara li hemm fid-dar matrimonjali li l-attriċi tgħid għandha valur żgħir;

3. Vettura tal-għamla Renault Clio tal-2007, bin-numru ta' reġistrazzjoni DEB626 u li skond l-attriċi għandha l-valur ta' €4,500. Din ġiet irreġistrata f'isem l-attriċi fit-18 ta' Lulju 2012. Tispjega li din il-vettura hi xtratha mis-sehem li hija ħadet mill-valur ta' żewġ karozzi (BMW320[8] u Toyota Hilux bin-numru ta' reġistrazzjoni EBJ704[9]) li l-partijiet kellhom qabel ma nfirdu *de facto*. I iż-żewġ vetturi l-partijiet biegħuhom u hija ħadet nofs il-valur tal-BMW u bih xtrat ir-Renault Clio.

4. Kont konġunt ma' HSBC Bank Malta p.l.c.

---

[8] Din il-vettura ma telgħetx fir-riċerka u għalhekk possibilment ma kinitx irreġistrata f'isimhom;
[9] Id-dettalji tagħha ġew esebiti mix-xhud Stephen Cachia, rappreżentant ta' Transport Malta fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2016, quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 38 et seq.

5. Loan ma' HSBC Bank Malta p.l.c. li l-attriċi tiddiskrevih bħala loan tal-konvenut assenti;

6. Kont bankarju tat-tfaddil innumerat 40022501084, f'isem l-attriċi, ma' Bank of Valletta p.l.c., liema kont infetaħ fl-24 ta' Mejju 2014[10];

Kif diġa ntqal, il-Qorti qed issib lill-partijiet ħatja tal-abbandun ta' xulxin. Ai fini tal-Artikolu 48(c), il-Qorti qiegħda tistabilixxi d-data tat-30 ta' Ġunju 2012, bħala d-data li minnha l-partijiet għandhom ikunu kkunsidrati li kienu ħatja tal-firda. Illi b'effett mill-imsemmija data, u bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48(ċ), kull parti tilfet rispettivament, kull dritt għan-nofs tal-akkwisti li jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra.

Adoperat dan ir-raġunament, il-Qorti qiegħda tassenja lill-attriċi:

- Il-flejjes kollha minnha depożitati fil-kont bankarju tat-tfaddil innumerat 40022501084, ma' Bank of Valletta p.l.c., stante li l kollha ġew iddepożitati wara d-data stabbilita;
- Il-vettura tal-għamla Renault Clio bin-numru ta' reġistrazzjoni DEB626, li minkejja li nxtrat mill-attriċi meta l-komunjoni tal-akkwisti kienet għandha viġenti bejn il-konjuġi C, inxtrat bi flus li l-attriċi akkwistat wara d-data stabbilita;
- Tenut kont ukoll, illi l-intimat ma wera ebda nteress fid-dar matrimonjali tal-partijiet, u li bl-ebda mod ma kkontradixxa t-talba tal-attriċi li l-istess tiġi assenjata lilha, l-Qorti qegħda tassenja wkoll lill-attriċi d-drittijiet kollha li l-partijiet għandhom fuq il-fond "Prinjola", Triq ta' Marmora, Mensija, San Ġwann, illi b'effett mil-lum m'għadux jikkostitwixxi d-dar matrimonjali tal-partijiet.

---

[10] Statement relattiv huwa esebit, fol. 47 tal-proċess;

Dwar l-għamara li tinsab fid-dar matrimonjali u wkoll dwar il-kont bankarju u l-kont ta' self ma' HSBC Bank Malta p.l.c., tenut kont tan-nuqqas ta' provi dwarhom, sija dwar il-konsistenza tagħhom u wkoll dwar il-valur, il-Qorti ma tistax tikkonferma jekk humiex formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, jew ossija humiex parafernali ta' xi ħadd mill-partijiet, u għalhekk qed tastjeni milli tassenjahom lil xi parti jew l-oħra.

**DEĊIDE**

Għalhekk, għal l il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet konjuġi C;

[2] Tilqa' t-tieni talba attriċi u tapplika kontra l-intimat assenti l-effetti tad-dispożizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili; Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 52 tal-Kodiċi Ċivili, tapplika wkoll kontra l-attriċi l-effetti tad-dispożizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili;

[3] Tilqa' it-tielet talba tar-rikorrenti u dana billi tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejn il-partijiet konjuġi C; u tassenja lill-attriċi:

- Il-flejjes kollha minnha ddepożitati fil-kont bankarju tat-tfaddil innumerat 40022501084, ma' Bank of Valletta p.l.c.,
- Il-vettura tal-għamla Renault Clio bin-numru ta' reġistrazzjoni DEB626;
- Id-drittijiet kollha li l-partijiet għandhom fuq il-fond "XXXXXXXXXXXXXXXXXXXX", illi b'effett mil-lum m'għadux jikkostitwixxi d-dar matrimonjali tal-partijiet.

[4] Tiċħad ir-raba' u l-ħames talba tal-attriċi.

Bl-ispejjeż jiġu sopportati mill-partijiet fi kwoti ugwali bejniethom, b'dan illi l-attriċi għandha provviżorjament tħallas id-drittijiet tal-Kuraturi Deputati.